31992R3513

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3513/92
tat-3 ta' Diċembru 1992
li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistikali u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1039/92 [2], u partikolarment l-Artikolu 9,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bl-intenzjoni ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessi mar-Regolament preżenti jridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi hija xierqa li l-informazzjoni vinkolanti tat-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li mhumiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, jistgħu jkomplu jintalbu taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3796/90 [3], kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2674/92 [4], għal perjodu ta' tlett xhur mid-detentur jekk il-kuntratt vinkolanti kien konkluż hekk kif inhu mistenni fl-Artikolu 14(3)(a) jew (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1715/90 [5];

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Informazzjoni vinkolanti tat-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li mhumiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jintalbu taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/90 għal perjodu ta' tlett xhur mid-detentur jekk il-kuntratt vinkolanti kien konkluż kif mistenni fl-Artikolu 14(3)(a) jew (b) tar-Regolament (KEE) Nru 1715/90.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri Kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-3 ta' Diċembru 1992.

Għall-Kummissjoni.

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) ĠU L 110, tat-28.4.1992, p. 42.
(3) ĠU L 365, tat-28.12.1990, p. 17.
(4) ĠU L 271, tas-16.9.1992, p. 5.
(5) ĠU L 160, tas-26.6.1990, p. 1.

L-ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-kodiċi tal-klassifikazzjoni tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Żejt ippreparat f'kapsuli tal-ġelatina mqegħda għall-bejgħ bl-imnut. Kull kapsula fiha: — żejt miż żerriegħa talprimula komuni ta' filgħaxija (Oenothera biennis L) 500 mg — xaħam likwidu tal ħalib 14-il mg — antioxydant (vitamina B) 15-il mg	1517 90 99	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 1517, 1517 90 u 1517 90 99.
2. Zokkor invertit ta' l-għasel bla kulur u trasparenti bl-ebda togħma li tintiehem ta' frott, li juri l-propertajiet li ġejjin meta analiżżat: — Estratt refr . 20 °C 67,0 bħala toqol — Kannamiela ma jinstabx — Glukosju (dextrose) 48,0 bħala toqol flistat niexef — Fructose: 48,8 bħala toqol flistat niexef — Ash: anqas minn 0,01 % bħala toqol — Aċidi titratable (pH 7,0) bħala aċidu tartaric 0,11 % bħala toqol Id-deskrizzjoni kummerċjali ta' dan il-prodott hija "għeneb magħsur konċentrat rettifikat".	1702 90 90	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 1702, 1702 90 u 1702 90 91. It-tneħħija ta' pratikament l-elementi kollha għajr iz-zokkor tfisser li l-prodott m'għandux aktar il-karattru ta' għeneb magħsur konċentrat tal-kodiċi tan-NM 2009 60.
3. Meraq taz-zunnarija li kien suġġett għall-fermentazzjoni lattika, lest għall-konsum bħala xorb.	2202 90 10	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 2202, 2202 90 u 2202 90 10. Il-prodott għandu valur anqas ta' pH wara l-fermentazzjoni lattika li twassal biex il-prodott jitlef il-karattru oriġinli tiegħu bħala meraq tal-ħxejjex ta' l-intestatura 2009 (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni ta' l-HS, l-intestatura 2009, il-paragrafi 3 u 7).